28 ta' Frar, 1953.

Imhallef:

L-Onor. Dr. W. Harding. B.LITT., LL.D.

Il-Pulizija versus Manwel Borg

Appell - Provi - Dokumenti - Fedina Penali

Normalment, meta prova dokumentali ma tkunx saret quddiem il-Magistrat, ma tistax issir fl-appel; u lanqas il-Qorti ma tista', inlinea ta' massima, tordna li ssir prova gdida fuq il-motiv tan-neċessita' tassativament stabbiliti mill-liġi ghall-produzzjoni ta' provi ġodda, u talvolta b'aggravju ta' l-imputat.

Imma ghandu jiġi eccettwat il-każ ta meta n-neċessita' tal-prova ġdida tinholoq fl-appel "ex improriso".

Fil-każ preżenti, il-Qorti ta' l-Appell ippermettiet lill-Prosekuzzjoni li taghmel fis-sedi ta' l-appell il-prova li l-persuna msemmija f'dik il-fedina hija l-imputat, billi fl-ewwel istanza l-imputat mhux biss ma kkontestax dik il-fedina, imma implicitament, irrikonoxxija u kkontestaha "ex abrupto" fit-tieni istanza.

Il-Qorti - Fuq l-incident fol. 15;

Wara li semghet l-avukati;

Ikkunsidrat;

L-Avukat tal-Kuruna qieghed jitlob li jaghmel f'din is-sedi l-prova tal-kontenut tal-fedina penali fol. 12 u l-prova li l-persuna fiha msemmija hija l-imputat, u spjega li ma saretx mill-Pulizija din il-prova fl-ewwel istanza ghax ma kienx hemm kuntrast dwar il-kontenut u l-identita mill-parti ta' l-imputat;

Id-difensur ta' l-imputat oppona ruhu, ghax din il-prova kien imissha saret in prima istanza;

Normalment, jekk prova dokumentali ma tkunx saret fil-prima istanza, ma tistax issir fl-appel (ara. sent."Pul vs. Carmelo Camilleri", App. Krim. sedenti l-Imhallef Sir Ph. Pullicino, 14. 12. 1929, li kienet tirriferixxi appuntu ghall-produzzjoni ta' fedina penali);

Normalment ukoll, lanqas il-Qorti, in linea ta'massima ma tista' tordna prova gdida fuq il-motiv tan-necessita' jew

utilità, b'estensjoni indebita taż-żewġ każijiet tassativament stabbiliti mil-liġi għall-produzzjoni ta' provi ġodda, u talvolta bl-aggravju ta' l-imputat (ara App. Krim. "Pul. vs. Gat", 27. 2. 1937);

Iżda f'din is-sentenza ta' l-aħħar l-Imħallef sedenti kien eċċettwa, fuq l-iskorta tad-dottrina Ingliża, il-każ meta n-neċessità tal-prova tkun inħolqot "ex improviso";

Issa, f'dan il-każ ġara dan. Fl-ewwel istanza, mhux talli l-imputat ma kkontestax il-fedina penali, imma anzi implicitament irrikonoxxiha; għax, kif jidher mill-verbal fol. 3, issolleva eċċezzjoni li qiegħda appuntu tassumi l-attendibilità ta' dik il-fedina penali. L-istess atteġġjament immantjena l-imputat fir-rikors tiegħu ta' l-appell. Għalhekk il-Pulizija fl-ewwel istanza kellha raġun taħseb li l-imputat kien akkwetat ruħu għall-kontenut ta' dik il-fedina penali bħala riferenti għalih. In-neċessità tal-prova, għalhekk, inħolqot "ex abrupto", ċjoè meta f'dina l-istanza d-difensur abbandunа l-gravam dedott fir-rikors u kkontesta għall-ewwel darba l-fedina penali;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tippermetti li ssir mill-Prosekuzzjoni l-prova minnha mitluba, u tiddifferixxi l-kawża għas-7 ta' Marzu 1953, ħalli ssir din il-prova u għall-konklużjoni tat-trattazzjoni;

Intant il-Qorti tiddikjara li b'dana kollu jibqa' dejjem dmir tal-Pulizija fil-prima istanza li, partikularment meta l-fedina penali tiġi kontrastata, u meta r-reċidiva tkun dedotta bħala element ta' xi talba fiċ-ċitazzjoni, li tagħti l-prova xierqa, illi ċjoè l-fedina penali tkun mhux biss firmata mill-uffiċjal li jkun irrilaxxjaha, imma li tkun anki konfermata bil-ġurament tiegħu in kwantu għall-veridiċità tagħha; salva, fil-każi kongruwi, il-produzzjoni ta' kopja tad-deċiżjoni preċedenti.